A.L. 37 ta' l-2008

ATT DWAR IL-KUMMISSJONI ĊINEMATOGRAFIKA TA' MALTA (KAP. 478)

Regolamenti ta' l-2008 dwar Inċentivi Finanzjarji għall-Industrija Awdjovisiva

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtijin bl-artikoli 26(1) u 33 ta' l-Att dwar il-Kummissjoni Ċinematografika ta' Malta, il-Ministru għall-Investiment, Industrija u Teknoloġija ta' l-Informazzjoni, wara konsultazzjoni mal-Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin -

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2008 dwar Inċentivi Finanzjarji għall-Industrija Awdjovisiva.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Diċembru, 2007.

Tifsir.

2. (1) F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra-

"approvazzjoni finali" tfisser l-approvazzjoni mogħtija skond ir-regolament 8 ta' dawn ir-regolamenti;

"l-Att" tfisser l-Att dwar il-Kummissjoni Ċinematografika ta' Malta;

"Bord għas-Sorveljanza fuq l-Għajnuna mogħtija mill-Istat" tfisser il-Bord ta' Sorveljanza fuq l-Għajnuna mogħtija mill-Istat mwaqqaf taħt l-artikolu 57 ta' l-Att dwar il-Promozzjoni ta' Negozji; Kap. 325.

"ċertifikat ta' approvazzjoni proviżorja" tfisser iċ-ċertifikat maħruġ skond ir-regolament 7 ta' dawn ir-regolamenti, fil-forma stabbilita fl-Ewwel Skeda li tinsab annessa ma' dawn ir-regolamenti;

"fotografija prinċipali" tfisser l-iffilmjar ta' komponenti kbar jew sinifikattivi ta' produzzjoni awdjovisiva li jinvolvi atturi prinċipali;

"inċentiv finanzjarju" tfisser il-benefiċċju finanzjarju li hemm provdut dwaru fir-regolament 5 ta' dawn ir-regolamenti;

"intrapriża" tfisser kull entità li tagħmel attività ekonomika;

"koproduzzjoni" tfisser produzzjoni kwalifikanti li hija s-suġġett ta' ftehim ta' koproduzzjoni bejn tnejn jew iktar koprodutturi;

"il-Kummissjoni" tfisser il-Kummissjoni Ċinematografika ta' Malta;

"il-Kummissarju" tfisser il-Kummissarju Ċinematografiku;

"kumpannija kwalifikanti" tfisser kumpannija kwalifikanti kif imfisser fl-artikolu 25 ta' l-Att u li tissodisfa l-kondizzjonijiet stabbiliti fir-regolament 4 ta' dawn ir-regolamenti;

"Linji gwida" tfisser il-linji gwida li jistgħu jinħarġu mill-Kummissarju minn żmien għal żmien;

"il-Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għall-industrija tal-films;

"nfiq eliġibbli" tfisser l-partiti ta' nfiq mġarrba mill-kumpannija kwalifikanti rigward il-produzzjoni kwalifikanti li huma eliġibbli għal finijiet ta' kalkolu ta' l-ammont li jingħata bħala inċentiv finanzjarju skond ir-regolament 5 ta' dawn ir-regolamenti;

"stat membru ta' l-Unjoni Ewropea" tfisser stat membru ta' l-Unjoni Ewropea kif imfisser fl-Att dwar l-Unjoni Ewropea; Kap. 460.

"prodott kulturali" tfisser produzzjoni awdjovisiva li fir-rigward tagħha l-Kummissarju stabbilixxa li l-kontenut tal-produzzjoni awdjovisiva huwa kulturali, skond il-kriterji indikati fit-Tieni Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti;

"produzzjoni diffiċli u *low-budget*" tfisser produzzjonijiet awdjovisivi b'*budget* totali li ma jeċċedix EUR 100,000 (jew munita ekwivalenti) u li jkollhom ftit li xejn prospetti ta' suċċess kummerċjali minħabba n-natura sperimentali tagħhom jew

minħabba li jirrapreżentaw livell għoli ta' riskju kreattiv; u li jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fir-regolament 3 ta' dawn ir-regolamenti;

"produzzjoni kwalifikanti" tfisser produzzjoni kwalifikanti kif imfisser fl-artikolu 25 ta' l-Att li tissodisfa l-kondizzjonijiet stabbiliti fir-regolament 3 ta' dawn ir-regolamenti;

"tlestija" tfisser meta tintemm attività ta' iffilmjar ġewwa Malta ta' produzzjoni awdjovisiva u "lest" għandha tkun interpretata bl-istess mod.

(2) Kliem u frażijiet użati fl-Att ikollhom, f'dawn ir-regolamenti, l-istess tifsir li għandhom fl-Att.

Tifsir ta' produzzjoni kwalifikanti.

3. (1) Produzzjoni awdjovisiva tiġi kunsidrata bħala "produzzjoni kwalfikanti" għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti jekk ix-xogħol awdjovisiv -

(a) ikun prodott kulturali magħmul kompletament jew in parti ġewwa Malta fuq bażi kummerċjali bil-għan li jsiru profitti; u

(b) ikun magħmul kompletament jew prinċipalment għal esibizzjoni għall-pubbliku ġewwa ċ-ċinema jew permezz ta' xandir televisiv; u

(ċ) ikun jagħmel kontribut validu lejn l-espressjoni ta' kreatività u kultura permezz ta' l-iżvilupp ta' snajja ta' kapaċità produttiva fil-medja ta' films u t-televiżjoni; u

(d) ikun ibbażat fuq format approvat mill-Kummissarju.

(2) Il-kriterji ta' subregolament (1) ta' dan ir-regolament għandhom japplikaw mingħajr preġudizzju għall-kondizzjonijiet stabbiliti f'artikolu 25 ta' dan l-Att, u l-Iskeda li tinsab ma' l-Att, u skond it-Tieni Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti u mal-Linji gwida.

Kumpanniji kwalifikanti.

4. (1) Il-kumpannija kwalfikanti għandha tkun l-entità responsabbli għall-attivitajiet kollha involuti fil-ħidma tal-produzzjoni kwalifikanti u li jkollha aċċess għall-informazzjoni finanzjarja shiħa għall-produzzjoni dinjija totali, li tkun għad-disposizzjoni tal-Kummissarju meta huwa hekk jitlob:

Iżda għandu jkun hemm biss kumpannija kwalifikanti waħda fir-rigward ta' xi produzzjoni kwalifikanti partikolari.

(2) Meta il-produzzjoni kwalifikanti tkun koproduzzjoni, il-koprodutturi għandhom jaħtru lil wieħed mill-koprodutturi fosthom biex jaġixxu bħala l-kumpannija kwalifikanti fir-rigward tal-produzzjoni kwalifikanti għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti u l-koproduttur maħtur għandu jkun meqjus bħala l-entità responsabbli għall-attivitajiet kollha involuti fl-għemil tal-produzzjoni kwalifikanti.

Iżda:

(a) l-inċentiv finanzjarju mogħti għandu jkun apporzjonat bejn il-koprodutturi kif miftiehem bejniethom, jew fin-nuqqas ta' ftehim f'dak il-kuntest, fi proporzjon li jkun skond is-sehem tagħhom fil-*budget* komplessiv tal-produzzjoni kwalifikanti; u

(b) il-koprodutturi għandhom ikunu responsabbli *in solidum* għall-obligazzjonijiet tagħhom taħt l-Att u dawn ir-regolamenti.

Inċentivi finanzjarji għal produzzjonijiet awdjovisivi.

5. (1) Rifużjoni sa tnejn u għoxrin fil-mija ta' l-infiq eliġibbli jista' jingħata bħala għotja ta' flus, li għandha tkun eżenti għall-finijiet ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income* (Kap. 123), lil kumpanniji kwalifikanti mat-tlestija ta' produzzjoni kwalifikanti, skond dawn ir-regolamenti u l-Linji gwida:

Iżda l-imsemmi infiq eliġibbli ma jistax jikkostitwixxi xi spiża eliġibbli għal għajnuna statali taħt ebda leġiżlazzjoni oħra f'Malta:

Iżda wkoll l-għajnuna statali totali li produzzjoni kwalifikanti tista' tibbenifika minnha taħt dan ir-regolament jew kull oriġini oħra, ma tistax teċċedi l-limiti provduti fil-Linji gwida.

(2) L-infiq eliġibbli li jikkwalifika għall-inċentiv finanzjarju għandu jiġi stabbilit mill-Kummissarju skond il-Linji gwida, iżda l-infiq eliġibbli ma jistax jeċċedi tmenin fil-mija tal-*budget* komplessiv tal-produzzjoni kwalifikanti, sakemm ukoll fil-każ ta' koproduzzjoni li tinvolvi koproduttur stabbilit f'Malta u li jkun approvat mill-Kummissarju bħala koproduzzjoni taħt dan l-Att, l-infiq eliġibbli mġarrab minn dak il-koproduttur ma jistax jeċċedi tmenin fil-mija tal-parti tal-*budget* tal-produzzjoni kwalifikanti kontribut mill-koproduttur stabbilit f'Malta.

(3) Il-livell ta' l-inċentiv finanzjarju għandu jiġi stabbilit mill-Kummissjoni skond l-artikolu 26 ta' l-Att, id-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti u l-Linji gwida.

(4) Il-Ministru, bi ftehim mal-Ministru responsabbli għall-kultura u wara li jagħti avviż lill-Ministru responsabbli għall-finanzi, jista' minn żmien għal żmien, jippubblika sejħa għal applikazzjonijiet mirata għal produzzjonijiet diffiċli u *low budget,* għall-finijiet ta' għotja ta' rifużjoni ta' flus fir-rigward ta' dawk il-produzzjonijiet, bla ħsara għall-pattijiet u l-kundizzjonijiet f'dawn ir-regolamenti, u l-Linji gwida u kif speċifikat ulterjorment fis-sejħa għal applikazzjonijiet. Minkejja subregolmaent (1), dawn ir-rifużjonijiet għal produzzjonijiet diffiċli u *low budget* jistgħu jammontaw għal għotja ta' flus sa tnejn u tletin fil-mija ta' nfiq eliġibbli u għandhom ikunu eżentati mid-disposizzjonijiet tal-provisos ma' subregolament (1) ta' dan ir-regolament.

(5) L-ammont komplessiv ta' inċentivi finanzjarji li jistgħu jingħataw taħt dawn ir-regolamenti f'sena finanzjarja skond il-Kostituzzjoni ma jistax jeċċedi l-ammont speċifikament approprjat fl-istimi finanzjarji tal-Gvern għal dik is-sena finanzjarja partikolari.

Applikazzjoni għall-approvazzjoni proviżorja.

6. (1) L-applikazzjoni għall-inċentivi finanzjarji għandha tiġi ippreżentata lill-Kummissarju mill-kumpannija kwalifikanti jew mill-fergħa lokali jew mill-aġent tagħha skond il-Linji gwida.

(2) L-applikazzjoni msemmija fis-subregolament (1) ta' dan ir-regolament għandha tiġi ippreżentata flimkien mad-dokumentazzjoni u l-informazzjoni li jistgħu jinħtieġu mill Kummissarju, u għandha tinkludi d-dokumenti u l-informazzjoni mniżżla fil-Linji gwida.

(3) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tar-regolament 10 ta' dawn ir-regolamenti, l-applikazzjoni għandha tiġi ippreżentata mill-inqas tletin ġurnata qabel ma tibda l-fotografija prinċipali ġewwa Malta jew f'xi Stat Membru ieħor li huwa membru ta' l-Unjoni Ewropea li dwarha jkun irid jinkiseb benefiċċju taħt dawn ir-regolamenti.

Approvazzjoni proviżorja mill-Kummissjoni.

7. (1) Wara li jirċievi l-applikazzjoni skond ir-regolament 6 ta' dawn ir-regolamenti, il-Kummissarju għandu jagħmel rakkomandazzjoni bil-miktub lill-Kummissjoni rigward il-livell ta' inċentiv finanzjarju li għandha tingħata lil kumpannija kwalifikanti, fejn jiddikjara li l-produzzjoni hija prodott kulturali li tissodisfa r-rekwiżiti ta' produzzjoni kwalifikanti, u għandu jgħaddi lill-Kummissjoni kull dokumentazzjoni jew informazzjoni li tingħata mill-applikanti skond kif tirrikjedi l-Kummissjoni:

Iżda meta l-Kummissarju jirriżultalu li l-applikazzjoni m'hijiex magħmula minn jew għan-nom ta' entità li tkun kumpannija kwalifikanti u, jew fir-rigward ta' produzzjoni kwalifikanti, l-applikanti għandu jiġi infurmat li l-applikazzjoni tkun ġiet miċħuda u l-Kummissarju m'għandu jagħmel ebda rakkomandazzjoni bħal dik.

(2) Wara li jiġi stabbilit mill-Kummissjoni l-livell ta' inċentiv finanzjarju li għandu jingħata lil kumpannija kwalifikanti, li m'għandux jeċċedi l-ammont rakkomandat skond is-subregolament (1) ta' dan ir-regolament, il-Kummissarju għandu joħroġ ċertifikat ta' approvazzjoni proviżorja fil-forma stabbilita fl-Ewwel Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti lil kumpannija kwalifikanti li fiha għandu jkun hemm il-perċentwali ta' nfiq mogħti lura lill-produzzjoni konċernata u l-kondizzjonijiet li għandhom jiġu osservati sabiex tinkiseb l-approvazzjoni finali taħt ir-regolament 8 ta' dawn ir-regolamenti.

Approvazzjoni finali mill-Kummissjoni.

8. (1) Mat-tlestija tal-produzzjoni kwalifikanti li lilha jkun inħareġ ċertifikat ta' approvazzjoni proviżorja skond ir-regolament 7 ta' dawn ir-regolamenti, u mhux iktar tard minn sitt xhur wara tlestija ta' l-istess, il-kumpannija kwalifikanti jew il-fergħa lokali tagħha jew aġent għandhom jippreżentaw applikazzjoni għall-approvazzjoni finali lill-Kummissarju skond il-Linji gwida.

(2) L-applikazzjoni msemmija fis-subregolament (1) ta' dan ir-regolament għandha tintbagħat flimkien ma' tali dokumentazzjoni u informazzjoni li titsa' tkun meħtieġa mill-Kummissarju, u għandha tinkludi d-dokumenti u l-informazzjoni mniżżlin fil-Linji gwida.

(3) Wara li jirċievi l-applikazzjoni magħmula skond is-subregolamenti (1) u (2) ta' dan ir-regolament, il-Kummissarju għandu jagħmel rakkomandazzjoni bil-miktub lill-Kummissjoni rigward l-ammont ta' inċentiv finanzjarju li għandu jiġi mogħti lill-kumpannija kwalifikanti u għandu jgħaddi lill-Kummissjoni kull dokumentazzjoni jew informazzjoni fornita mill-applikant kif tirrikjedi l-Kummissjoni.

(4) Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Kummissarju bil-miktub bid-deċiżjoni fuq l-ammont ta' inċentiv li għandu jkun mogħti lill-kumpannija kwalifikanti:

Iżda l-ammont ta' inċentiv finanzjarju stabbilit mill-Kummissjoni m'għandux jeċċedi l-ammont rakkomandat mill-Kummissarju skond is-subregolament (3) ta' dan ir-regolament.

(5) Il-Kummissarju għandu jagħmel l-arranġamenti neċessarji għall-implimentazzjoni tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni fuq l-ammont ta' inċentiv finanzjarju mogħti lill-kumpannija kwalifikanti.

Bidliet sinifikativi fil-*budget*.

9. (1) Meta wara li tiġi preżentata l-applikazzjoni għall-approvazzjoni proviżorja skond ir-regolament 7 ta' dawn ir-regolamenti, il-*budget* komplessiv finali tal-produzzjoni kwalifikanti, li jkun indikat fl-applikazzjoni għall-approvazzjoni finali skond ir-regolament 8 ta' dawn ir-regolamenti, ikun mistenni li jkun sinifikattivament differenti

mill-istima tal-*budget* komplessiv indikat fl-applikazzjoni ta' approvazzjoni proviżorja, għandha tiġi ippreżentata applikazzjoni ġdida għall-approvazzjoni proviżorja:

Iżda jitqies li jkun hemm differenza sinifikanti meta l-*budget* komplessiv finali indikat fl-applikazzjoni għall-approvazzjoni finali jkun jeċċedi jew ikun anqas mill-istima tal-*budget* komplessiv indikat fl-applikazzjoni għall-approvazzjoni proviżorja b'iktar minn għaxra fil-mija.

(2) Applikazzjonijiet ġodda għall-approvazzjoni proviżorja skond is-subregolament (1) ta' dan ir-regolament, għandhom jiġu ippreżentati u deċiżi skond ir-regolamenti 6 u 7 ta' dawn ir-regolamenti, li għandhom japplikaw *mutatis mutandis:*

Iżda s-subregolament (3) tar-regolament 6 m'għandux japplika meta jiġu preżentati dawk l-applikazzjonijet ġodda.

(3) Jekk ma tiġi ippreżentata ebda applikazzjoni kif rikjest fis-subregolament (1) ta' dan ir-regolament u lill-Kummissarju jirriżultalu li l-*budget* komplessiv finali tal-produzzjoni kwalifikanti, kif indikat fl-applikazzjoni għall-approvazzjoni finali skond ir-regolament 8 ta' dawn ir-regolamenti, tkun sinifikattivament differenti mill-*budget* komplessiv stmat kif indikat fl-applikazzjoni għall-approvazzjoni proviżorja, l-ammont ta' l-inċentiv li jingħata lill-kumpannija kwalifikanti għandu jkun stabbilit b'referenza għall-istima tal-*budget* komplessiv indikat fl-applikazzjoni għall-approvazzjoni proviżorja jew il-*budget* komplessiv finali indikat fl-applikazzjoni għall-approvazzjoni finali, skond liema jkun l-inqas.

Żmien ta' tlestija għal produzzjoni.

10. Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw għal produzzjonijiet awdjovisivi li fir-rigward tagħhom tkun saret applikazzjoni għal approvazzjoni proviżorja skond ir-regolament 6 ta' dawn ir-regolamenti qabel l-31 ta' Diċembru, 2009.

Rekwiżiti ta' rappurtaġġ.

11. Il-kumpannija kwalifikanti jew il-fergħa lokali tagħha jew aġent għandhom jipprovdu lill-Kummissarju b'kull informazzjoni u dokumentazzjoni li tista' tkun meħtieġa għall-eżerċizzju tal-funzonijiet tiegħu u dawk tal-Kummissjoni għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti, jew fuq l-inizjattiva tal-kumpannija kwalifikanti jew tal-fergħa lokali tagħha jew ta' l-aġent innifsu, jew fuq talba tal-Kummissarju:

Iżda l-Kummissarju jista' jispeċifika r-rekwiżiti ta' rappurtaġġ kontinwu tal-kumpannija kwalifikanti, jew tal-fergħa lokali tagħha, jew dak ta' l-aġent tagħha fil-Linji gwida.

Kunfidenzjalità.

12. Kull informazzjoni mogħtija mill-kumpannija kwalifikanti jew mill-fergħa lokali jew mill-aġent tagħha għandha f'kull waqt tiġi trattata bħala kunfidenzjali u għandha tiġi użata biss mill-Kummissjoni jew mill-Kummissarju, jew mit-tnejn li huma, għall-finijiet li jeżerċitaw il-funzjonijiet rispettivi tagħhom għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti:

Iżda l-informazzjoni mogħtija mill-kumpannija kwalifikanti jew mill-fergħa lokali jew mill-aġent tagħha tista' tkun mikxufa jekk u safejn mitlub minn jew bħala konsegwenza ta' kull liġi, inkluż imma mhux limitat għal leġislazzjoni fiskali, jew bil-permess bil-miktub tal-persuna ġuridika jew naturali li tkun qegħda tipprovdi dik l-informazzjoni.

Obbligazzjonijiet tal-kumpannija kwalifikanti.

13. (1) Il-kumpannija kwalifikanti, inkluża l-fergħa lokali jew aġent tagħha, għandha tiżgura li jintlaħqu l-kondizzjonijiet u r-rekwiżiti mniżżla fiċ-ċertifikat ta' approvazzjoni proviżorja u fil-Linji gwida.

(2) Jekk il-kumpannija kwalifikanti jew il-fergħa lokali jew l-aġent tagħha, jekk ikun hemm, jonqsu milli jissodisfaw il-kondizzjonijiet u r-rekwiżiti msemmija fis-subregolament (1) ta' dan ir-regolament, il-Kummissarju jista' jieħu lura l-approvazzjoni proviżorja jew finali tiegħu għal għotja ta' inċentiv finanzjarju. Jekk il-kumpannija kwalifikanti jew il-fergħa lokali jew aġent ikunu irċevew l-inċentiv finanzjarju u l-Kummissarju jistabbilixxi li l-kondizzjonijiet u r-rekwiżiti msemmija fis-subregolament (1) ta' dan ir-regolament ma ġewx sodisfatti, hija għandha tirrimborża lill-Kummissarju l-ammont ta' l-inċentiv finanzjarju li tkun rċievet fuq talba tal-Kummissarju.

Eżami ta' dokumenti.

14. Meta l-inċentiv finanzjarju jkun ġie provdut skond dawn ir-regolamenti lil xi intrapriża, il-Kummissarju jista' –

(a) minn żmien għal żmien jagħmel jew iġiegħel li jseħħ eżami tal-kotba, kontijiet, dokumenti, postijiet u kull ħaġa oħra ta' dik l-intrapriża, fergħa jew aġenzija lokali, skond il-każ, li tkun neċessarja biex tiżgura li d-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, u l-kondizzjonijiet u r-rekwiżiti mniżżla fiċ-ċertifikat ta' approvazzjoni proviżorja u l-Linji gwida jkunu qegħdin jiġu mħarsa; u

(b) jitlob li jingħata dawk id-dikjarazzjonijiet finanzjarji mill-intrapriża, mill-fergħa lokali jew mill-aġenzija tagħha, kif ikun il-każ u skond il-bżonn.

Database ta' l-assistenza provduta.

15. Il-Kummissarju għandu jżomm, għal mhux inqas minn ħames snin, *database* ta' l-inċentivi finanzjarji provduti lil, jew rikjesti minn, intrapriżi skond dawn ir-regolamenti sabiex ikun jista':

(a) jivverifika jekk id-disposizzjonijiet ta' l-Att u ta' dawn ir-regolamenti jkunux ġew rispettati; u

(b) jipprovdi lill-Bord ta' Sorveljanza fuq l-Għajnuna mogħtija mill-Istat b'dik l-informazzjoni li jista' jkollu bżonn.

16. Ir-Regolamenti ta' l-2006 dwar Inċentivi Finanzjarji għall-Industrija Awdjovisiva, huma b'dan mħassra. Thassar ta' A.L. 65 ta' l- 2006.

L-EWWEL SKEDA

(Regolament 7)

Ċertifikat ta' approvazzjoni proviżorja

Taħt it-Taqsima V ta' l-Att dwar il-Kummissjoni ta' Malta (Kap. 478), u skond ir-Regolamenti ta' l-2008 dwar Inċentivi Finanzjarji għall-Industrija Awdjoviżiva, u l-Linji Gwida stabbiliti mill-Kummisarju; u

Dwar l-Applikazzjoni li l-Kummissarju Ċinematografiku irċieva fi [data] minn [isem tal-kumpannija kwlifikanti];

Il-Kummissarju qiegħed jiċċertifika li fir-rigward ta' [isem tal-produzzjoni li qiegħda tapplika għar-rifużjoni ta' flus], l-imsemmija produzzjoni awdjovisiva hija kkunsidrata bħala produzzjoni kwalifikanti għall-finijiet tat-taqsima V ta' l-Att dwar il-Kummissjoni Ċinematografika ta' Malta, u għandha tiġi mogħtija rifjużjoni ta' flus ekwivalenti għal [perċentwali li ser tkun rifuża lill-produzzjoni] ta' l-infiq kwalifikanti totali, preżentement kalkulat bħala [ammont total ta' infiq kwalifikat], bla ħsara għall-kundizzjonijiet li ġejjin:

1. Dan iċ-ċertifikat qiegħed jinħareġ strettament fuq abbażi ta' l-informazzjoni mogħtija mill-kumpannija kwalifikanti matul il-proċess ta' l-applikazzjoni.

2. Kull kambjament sostanzjali fl-informazzjoni oriġinali mogħtija lill-Kummissarju li tista' toriġina matul l-iżvilupp tal-proġett għanha tiġi notifikata bil-miktub lill-Kummissarju qabel ma jsir il-kambjament propost jew malli jsir magħruf dak il-kambjament.

3. Jekk il-Kummissarju ma jiġix avżat kif meħtieġ, dan jitqies bħala ksur tal-kondizzjonijiet ta' dan iċ-ċertifikat.

4. Meta d-differenza fil-*budget* komplessiv finali tkun teċċedi jew taqa' taħt l-istima tal-*budget* komplessiv indikat fl-applikazzjoni għall-approvazzjoni proviżorja b'aktar minn għaxra fil-mija, l-inċentiv ikun mogħti fuq l-infiq kwalifikanti komplessiv indikat f'dan iċ-ċertifikat jew fil-*budget* totali finali indirett fl-applikazzjoni għall-approvazzjoni finali, skond liema jkun l-anqas.

Applikazzjoni Finali

5. Mat-tlestija tal-produzzjoni kwalifikanti, il-kumpannija kwalifikanti għandha tippreżenta dawn id-dokumenti li ġejjin lill-Kummissarju:

(a) avviż immedjat bil-miktub li l-attività ta' l-iffilmjar f'Malta tal-produzzjoni awdjovisiva li jkun irid jinkiseb benefiċċju dwarha tkun intemmet;

(b) id-dettalji sħaħ tal-kumpannija kwalifikanti u ta' kull benfiċjarju tar-rifużjoni ta' flus;

(ċ) il-kotba tal-kontijiet li jagħtu f'partiti l-ammonti li jkunu ntefqu fuq kull element individwali tal-proġett, li jkun irid jinkiseb benefiċċju dwaru, inkluż l-infiq fuq l-impjieg dirett ta' ċittadini ta' Malta u ta' l-UE/ZEE u fuq beni u servizzi eliġibbli.

(d) il-kotba tal-kontijiet għandhom jinkludu sommarji *"top sheet"* ta' l-infiq għall-produzzjoni li jkopru l-infiq li dwaru jkun irid jinkiseb benefiċċju huwa mfittex u l-infiq totali tal-produzzjoni tal-film;

(e) analiżi dettaljata ta' l-ammonti relevanti mħallsa bħala pagi (inklużi pagi *gross full-time* u *part time*, taxxa miżmuma, kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali u flejjes imħallsa lil persuni li jkunu imjegati direttament b'kuntratt ta' servizz).

(f) il-kotba tal-kontijiet kollha għandhom jiġu preżentati netti mit-Taxxa fuq il-Valur Miżjud (V.A.T.);

(ġ) riċevuta mill-awtoritajiet fiskali involuti li tkun turi li l-ammonti li jridu jitħallsu jkunu diġa' ġew mħallsa lil dawk l-awtoritajiet involuti.

6. Wara li tiġi ippreżentata l-applikazzjoni finali, il-kumpanniji kwalifikanti għandha tagħti aċċess lir-rappreżentanti tal-Kummissarju biex jivverifikaw il-kontijiet relatati mal-produzzjoni awdjovisiva li dwaru jkun irid jinkiseb benefiċċju. Kull eżerċizzju ta' verifika għandu jsir bi ftehim mal-kumpannija kwalifikanti.

7. Il-kumpannija kwalifikanti għandha tipprovdi, għas-sodisfazzjon tal-Kummissarju, dettalji ta' l-infiq eliġibbli, inkużi fatturi u riċevuti tal-produzzjoni kwalifikanti in kwistjoni.

8. Il-Kummissarju għandu jipprovdi lill-kumpannija kwalifikanti bir-rifużjoni ta' flus mhux aktar tard minn ħames xhur mid-data meta tiġi ippreżentata l-applikazzjoni finali.

Obbligazzjonijiet

9. Il-Kumpannija kwalifikanti għandha tiżgura li l-attività ta' iffilmjar u kull attivita' oħra li ssir ġewwa Malta jsiru skond il-Liġijiet ta' Malta.

10. Il-Kumpannia kwalifikanti għandha tinkludi l-*credits* fl-ilsien li jintuża f'dak il-film "Prodott bl-għajnuna ta' l-inċentivi finanzjarji provduti mill-Gvern ta' Malta" u "Iffilmjat f'postijiet ġewwa Malta" skond il-każ; dawn il-*credits* għandhom ikunu jidhru f'pożizzjoni prominenti tal-*credits* ta' l-għeluq, minnufih wara l-*cast* u *crew credits*.

11. Il-kumpannija kwalifikanti għandha tiżgura li l-impjieg ta' nies ġewwa Malta, inkluż l-imjieg ta' *extras*, isr b'mod ekwu u miġħajr preġudizzju.

12. Qabel il-bidu ta' l-iffilmjar ġewwa Malta, il-kumpannija kwalifikanti għandha tipprovdi lill-Kummissarju bl-ismijiet ta' almenu tlett *trainees* Maltin li jkunu se jaħdmu f'dik il-produzzjoni.

13. Wara t-tlestija tal-produzzjoni awdjovisiva, il-kumpannija kwalifikanti għandha tipprovdi lill-Kummissarju bi *stills* mill-film u *footage* ta' xeni inċidentali sabiex dawn ikunu użati mill-Kummissarju għal *marketing* internazzjonali u għal finijiet ta' promozzjoni filwaqt li meta Malta tkun qegħda tiġi reklamata bħala lokazzjoni għall-iffilmjar.

14. Il-Kumpannija kwalifikanti għandha tipprovdi lill-Kummissarju bi tlett kopji tal-film f'format DVD PAL.

IT-TIENI SKEDA

(Regolament 3)

Kriterji biex jiġi stabbilit il-kontenut kulturali ta' produzzjoni awdjovisiva

Minimu ta':

(i) 40 punti akkumulati; u

(ii) 15-il punt taħt Sezzjoni A hawn aktar 'l isfel; u

(ii) 10 punti kemm f'Sezzjoni B kif ukoll f'Sezzjoni Ċ hawn aktar 'l isfel,

huwa rikjest għal produzzjoni awdjovisiva sabiex tissodisfa ir-rekwiżiti f'regolament 3(1)(a) ta' dawn ir-regolamenti.

Produzzjoni diffiċli u *low-budget* għandha tingħata l-ogħla għadd ta' punti taħt Sezzjoni B(i) jekk il-kumpannija kwalifikanti ġġib prova, għas-sodisfazzjoni tal-Kumissarju, li l-produzzjoni kwalifikanti tkun fil-qofol ta' ftehim biex titella' l-produzzjoni f'almenu teatru wieħed barra minn Malta f'pajjiż membru ta' l-Unjoni Ewropea.

SEZZJONI A: Kontenut Kulturali

	L-Ogħla għadd ta' Punti	Punti Totali
1. Produzzjonijiet fejn l-istorja jkollha xorta Maltija, Ewropea jew Mediterranja (fatt jew finzjoni)	4	
2. Produzzjonijiet fejn l-isfond huwa Malti, Ewropew jew Mediterranju (fatt jew finzjoni)	8	
3. L-istorja jew materjali importanti ikun ibbażat fuq materjal literrarju	2	
4. L-istorja jew materjal importanti ikun parti jew derivat mill-kultura u/jew wirt storiku Malti, Ewropew jew Mediterranju.	4	
5. Produzzjonijiet fejn il-karattri huma Maltin jew Ewropej.	2	
6. L-istorja jew materjal importanti jkunu jinvolvu kwistjonijiet kontemporanji jew storiċi, Maltin, Ewropej jew Mediterranji ta' rilevanza politika, reliġjuża u/jew soċjali.	3	
7. L-istorja jew materjal importanti jkunu jinvolvu referenza għal personalita` kontemporanja jew storika (eż: Alexander the Great) jew għal xi karattru fint fl-istorja kulturali (eż: Zeus).	2	
8. L-istorja jew materjal importanti jkun fih referenza għal avveniment rilevanti u sinifikanti universalment – finzjoni jew fattwali.	2	

9. L-użu ta' l-arkitettura, arkeoloġija u wirt naturali varji ta' Malta biex jirriflettu l-kuntest kulturali Ewropew u Mediterranju.	3		
10. Produzzjonijiet fejn almenu lingwa waħda tkun Ewropea.	3		
11. L-użu tal-lingwa Maltija fid-djalogu tal-produzzjoni b'mod li jikkontribwixxi għaż-żvilupp ta' l-istorja.	2		
12. L-użu ta' suggetti kulturali u fattizzi Maltin li permezz tagħhom dawn ikunu jistgħu jidhru fis-setting tal-produzzjoni.	2		
13. Produzzjonijiet b'rekwiżiti għal kitba tax-xeneġġatura drammatika qawwija li ma jistgħux loġistikament, kreattivament jew teknikament jiġu sodisfatti f'pajjiż ieħor membru ta' l-Unjoni Ewropea.	3		
	40 (massimu)		
Total miksub għal Sezzjoni A (Kontenut Kulturali):			Minn massimu ta' 40

SEZZJONI B: Kontribuzzjoni Kreattiva

(i) Produzzjonijiet b'distribuzzjoni teatrika jew televiżiva garantita, provuta jew intiża f'almenu tlett pajjiżi membri ta' l-Unjoni Ewropea	Punti	Massimu miksub
(Immarka l-kaxxa adattata)		
3-4 Stati Membri ta' l-Unjoni Ewropea	6	
5-7 Stati Membri ta' l-Unjoni Ewropea	8	
8-10 Stati Membri ta' l-Unjoni Ewropea	10	
11-13 Stati Membri ta' l-Unjoni Ewropea	12	
14-16 Stati Membri ta' l-Unjoni Ewropea	14	
17-19 Stati Membri ta' l-Unjoni Ewropea	16	
20-22 Stati Membri ta' l-Unjoni Ewropea	18	
24 Stati Membri ta' l-Unjoni Ewropea	20	
	20 (massimu)	
SUB -TOTALI:		

(ii) Kontributuri kreattivi u tekniċi (*crew*) minn Malta jew ż-ŻEE (ċittadinanza) fl-oqsma li ġejjin fuq il-livell ta' Kap ta' Dipartiment jew ta' assistenti fejn applikabbli:	Punti	Totali miksuba
- Direttur	1	
- awturi tax-xeneġġati	1	
- Produttur / koproduttur	1	

- Kompożitur	1		
- Direttur tal-fotografija	1		
- Editur	1		
- Diżinjatur tal-Kostumi	1		
- Diżinjatur tal-Produzzjoni	1		
- Artist ta' l-irtokk	1		
- Direttur ta' l-arti	1		
- Dekoratur tas-set	1		
- *Line producer / Unit production manager*	1		
SUB -TOTAL:	**12 (massimu)**		
Total miksub għal Sezzjoni B (Kontribuzzjoni Kreattiva):			Minn massimu ta' 32

SEZZJONI Ċ: L-użu tar-riżorsi kulturali ta' Malta

	Punti Massimi	Totali miksub	
(i) Produzzjonijiet bi produzzjoni u produzzjoni li ssir minn qabel f'Malta	6		
(ii) Produzzjonijiet b'lokazzjoni jew *studio shooting* f'Malta	14		
(iii) Produzzjonijet b'produzzjoni li ssir wara f'Malta	8		
	28 (massimu)		
Total miksub għal Sezzjoni Ċ (*L-użu tar-riżorsi kulturali ta' Malta*):			Minn massimu ta' 28